Minuti tas-sebgħa u erbgħin (47) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |
| Skużat: | Il-Viċi Sindku, is-Sur Anthony Borg |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Viċi Sindku kien nfurmawh li ma setgħax jattendu għal-laqgħa minħabba eżiġenzi ta' xogħol.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti tqassmu qabel il-laqgħa u ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-Kunsillier Horace Micallef talab li jitniżżel punt fil-Minuti:

6.3.19 Is-Sindku qal li l-istedina għall-ġemellaġġ mil-lokalita' ta' Zafferana Etnea fi Sqallija hi miftuħa. Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li ssir ħarġa għar-residenti f'din il-lokalita'. Is-Sindku qal li din ma għandhiex titħallat mal-ħarġa anwali fi Sqallija tal-Kunsill.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. QARI TAL-MEMOS, KORRISPONDENZA PRINĊIPALI U ILMENTI / SUĠĠERIMENTI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 35/2011 – Sit tad-DLG - Memos Aktar Aċċessibbli


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.1.2 Memo 36/2011 - Rapporti pubbliċi fuq www .lc.gov.mt
3.1.3 Memo 37/2011 - Template tal-Iskeda tal-Ħlasijiet
3.1.4 Memo 38/2011 - Il-50 Anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm Psaila
3.1.5 Memo 39/2011 - Playing fields tal-Kunsilli Lokali b'tagħmir li jista' jkun perikoluż
3.1.6 Memo 40/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru. 25834
3.1.7 Memo 41/2011 - Taħriġ għall-Impjegati tal-Libreriji Pubbliċi
3.1.8 Memo 42/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru. 24460
3.1.9 Memo 43/2011 - Skemi ta' Finanzjament Speċjali għas-Sena 2011
3.1.10 Memo 44/2011 - Skema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet Lifelong Learning
3.1.11 Memo 45/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru. 25950
3.1.12 Memo 46/2011 - Mistoqsija Parlamentari Nru. 26177
3.1.13 Memo 47/2011 - Attivitajiet Kulturali fis-sit www. lc.gov.mt
3.1.14 Memo 48/2011 - Servizzi tal-MEUSAC
3.1.15 Memo 49/2011 - Studenti li jistgħu jagħmlu *Work Placement* mill-MCAST

**3.2 Korrispondenza Prinċipali**

3.2.1 Irċivejna *email* mingħand Tiziana Castillo mill-OPM fejn infurmatna li Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata, fil-Fontana hu taħt ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, u għaldaqstant il-Kunsill hu responsabbli mit-tindif u manutenzjoni ta' dan l-isqaq. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna niċċekjaw jekk dan l-isqaq hux reġistrat mad-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku qal f'kawża li kien hemm fil-Qorti minn diversi propjetarji ta' dan l-isqaq kontra Raymond Zammit ta x-xhieda tiegħu rappreżentant tad-Dipartiment tal-Artijiet li qal li dan l-isqaq mhux reġistrat mad-Dipartiment tal-Artijiet.

3.2.2 Is-Sindku qal li hi kundizzjoni tal-MEPA li l-fili tal-kamra tal-*pumping station*, li fuqha kien qiegħed isir xi xogħol mill-ħaddiema tal-IPSL, jridu jinqalgħu u jitkaħħlu mil-ġdid skond il-*method statement* approvat mill-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Rene Savona Ventura sabiex dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-IPSL. Rene Savona Ventura talab lill-Kunsill sabiex jiġi provdut jew *gun* tal-arja bis-skarpell apposta, jew inkella *jigger* żgħir tal-elettriku. Jekk ma jsirx hekk huma mhumiex lesti li jagħmlu dan ix-xogħol għax il-ħaddiema ma jridux jagħmluh bl-idejn.

## 4. OFFERTI:

4.1 FONQ 05/2011. Polza tal-Assigurazzjoni tal-Kunsill Lokali Fontana – Il-kunsill irċieva żewġ offerti: dik ta' KDM Insurance Brokers (€1,449.30) u dik ta' Mercieca Financial Investments Ltd (€1,433.84). Wara li raw l-evalwazzjoni li għamel is-Segretarju


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Eżekuttiv, il-membri tal-Kunsill qablu li din l-offerta għanda tingħata lill-KDM Insurance Brokers peress li l-*excesses* ta' Mercieca Financial Investments Ltd huma għola.

4.2 FONQ 02/2011. Restawr ta' l-Għajn ta' l-Għajn tal-Loġoġ – Il-Kunsill irċieva offerta waħda, dik ta' Joseph Muscat (€3,521.36). Il-membri tal-Kunsill qablu li jaċċettaw din l-offerta, li hi aktar minn €3,000 anqas mill-offerta li ħarġet l-ewwel darba.

4.3 Rigward il-*Public Private Partnership* fuq toroq, il-membri tal-Kunsill qablu li għandna ngħaddu d-dokument lill-avukat sabiex jara jekk l-offerta hiex valida.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru diversi laqgħat mal-Avukat John Bonello dwar diversi offerti li ħareġ il-Kunsill, fosthom dik tal-ġbir tal-iskart. Peress li l-Avukat sab xi nuqqasijiet fil-ħruġ ta' din l-offerta, fosthom li ħarġet bit-tendering procedures tan-1996 minflok tat-2009, hu talab laqgħa mal-avukat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Dr Angele Vella, dwar il-validita ta' din l-offerta.

## 5. MISTOQSIJIET

5.1 Il-Kunsillier Horace Micallef talab kjarifika rigward il-kont ta' Chris Gauci għall-kera tal-*high up* sabiex jitwaħħlu l-fanali fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Huwa qal li ġie għola mill-istima li kien irrifjuta l-Kunsill. Is-Sindku qal li ġie madwar €20 għola. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li darb'oħra wieħed joqgħod aktar attent. Is-Sindku qal li Chris Gauci kien ġie f'ħames okkażżjonijiet sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill iwaħħlu l-fanali (dan ġie kkonfermat mis-Segretarju Eżekuttiv), peress li kien hemm xi fanali li tħarku minn posthom.

## 6. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 7. MATERJI OĦRA

7.1 Is-Sindku qal li l-GreenMT għadhom ma ġabulniex boroż griżi *biodegradable* li jinġabru kull nhar ta' Tlieta. Għaldaqstant għandna nerġgħu nitolbuhom biex iġibulna l-boroż.

7.2 Is-Sindku qal li nitolbu lil Ing Galea sabiex jiċċertifika li twaħħlu l-fanali dekorattivi *energy saving u environmental friendly* fi Triq l-Isptar San Ġiljan ħalli b'hekk inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi taħt l-iskema tal-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA.

7.3 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-ħarruba fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi ġiet miżbura. Il-Kunsill irid iħallas €23.00 għal dan ix-xogħol lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi.


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

7.4 Il-membri tal-Kunsill qablu li l-postijiet tal-kiosks għall-festa tal-Qalb ta' Ġesu għandhom kemm jista' jkun jibqgħu bħal tas-sena l-oħra.

7.5 Is-Sindku qal li l-permess ta' Road Construction għal xogħolijiet fi Triq l-Isptar San Ġiljan kien ġie mġedded sal-4 ta' Ġunju biex sar xogħol f'parti minn Triq il-Għajn quddiem il-Knisja. Saret ukoll kundizzjoni li din il-parti ssir mil-ġdid. Ix-xogħol tat-triq tlesta temporanjament u wara l-festa trid tinqala u tinbena mill-ġdid. Is-Sindku qal li issa jrid isir it-tindif u l-ħasil biex kemm jista jkun jonqos it-trab. Dan irid isir mill-kuntrattur. Jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill qabel li iġib *bowser* ilma.

7.6 Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna nordnaw tabella "*Welcome Fontana*" għal Triq ix-Xlendi. Is-Sindku qal li għandna *credit* ta' aktar minn €200 mal-koperattiva Koptasin li tagħmel it-tabelli. Il-Kunsillier Lorry Apap ippropona li nużaw dan il-fond għal din it-tabella.

7.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qiegħed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-floodlights tal-Knisja.

7.8 Is-Sindku qal li niktbu lill-MEPA u nsaqsuhom għalfejn ma bgħatulniex kopja ta' Stop Notice ħareġ f'Jannar li għadda fuq applikazzoni 0344/08 fi Trejqet ix-Xagħri. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn persuna li nfurmatu li fl-inħawi hemm struttura antika ħafna li meta tneħħa l-bajtar li kienet mirduma bih tfaċċat ras ta' anġlu li wara ftit taż-żmien tneħħiet, fil-fatt għadha tidher it-toqba fejn kienet mwaħħla fil-ħajt. Wara konsultazjoni li saret mal-istoriku Dr Joseph Bezzina, ġie konkluż li dawn huma il-fdalijiet tal-kappella medjevali ta' San Leonardo li kien hemm fl-inħawi li kienet diġa teżisti fis-sena 1510. L-istruttura hija bis-saqaf imwaqqa, iżda hemm il-kileb li kienu jżommu ix-xorok u parti mill-ħitan li hija mibnija bihom, kif ukoll iz-zuntier. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li nitolbu lic-Chairman tal-MEPA biex din l-istruttura tiġi mħarsa u ppreservata. Huwa ppreżenta lill-Kunsill ritratti ta' dawn il-fdalijiet tal-Kappella.

7.9 Is-Sindku qal li qegħdin isiru l-preparamenti sabiex jiġi ppubblikat l-fuljett tal-Kunsill "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek"

7.10 Is-Sindku ppropona, u l-membri tal-Kunsill qablu, li bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill jerġa joffri ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesu.

7.11 Is-Sindku ppropona sabiex nikkuntatjaw lil Pupull Attard sabiex jagħtina stima sabiex il-fontana fil-*playing field* tiġi mdawwra b'disinn dekorattiv tal-metal sabiex tkun aktar sigura.

7.12 Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa għar-residenti ġewwa Sqallija nhar is-7 ta' Lulju 2011. Il-membri tal-Kunsill qablu. Bħalissa qed jiġi mfassal il-programm mal-kumpanija YTC Travel.

7.13 Is-Sindku qal li kienu ġew iffirmati l-kuntratti taħt l-iskema ta' eko-Għawdex, fejn il-Kunsill ġie mwiegħed madwar €22,000 sabiex jagħmel dwal *energy saving* u *environmental friendly* f'diversi toroq fil-Fontana, kif ukoll għall-bini tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Is-Sindku qal li din l-iskema kienet ser terġa toħroġ biex isir użu mill-fondi li baqa' disponibbli u hu ppropona li napplikaw sabiex isir it-tindif tal-parti tal-Wied tax-


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Xlendi li hu fil-konfini tal-lokalita, kif ukoll it-toroq li baqa jsiru b'sistema tad-dawl *energy saving* u *environmental friendly*. Hu kompla billi qal li f'artiklu li deher fuq it-Torċa ta' nhar l-10 ta' April 2011, meta ġiet mwieġba mistoqsija parlamentari, irriżulta dan il-Wied ma kienx indaħħal mal-lista tal-Widien li ser jiġu mndaffa matul din is-sena. Is-Sindku kompla li l-Kunsill ma kienx applika fl-ewwel applikazzjoni tal-eko-Għawdex għax kien jintqal li ser jitnaddaf mill-Ministeru għal Għawdex. Il-membri tal-Kunsill qablu.

7.14 Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex nitolbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex ix-xelter, l-Għajn il-Kbira u l-Għajn ta' Bendu jiġu devoluti lill-Kunsill Lokali. Dan għar-raġuni li fit-2009 it-talba saret lid-Dipartiment tal-Artijiet meta qabel riedet issir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

7.15 Il-Kunsillier Horace Micallef talab li meta ssir laqgħa t'urġenza l-laqgħa għanda ssir f'ħin li jkunu jistgħu jattendu l-Kunsillieri kollha. Dan għar-rigward li fl-aħħar laqgħa t'urġenza li saret hu ma setgħax jattendi fil-5.30pm minħabba li kien xogħol sas-6.30pm. Hu ppropona li l-laqgħa kellha ssir fis-6.30pm, pero' t-talba tiegħu ma ġietx milqugħa u għaldaqstant ma setgħax jattendi.Is-Sindku nfurmah li la ma jkunx hemm qbil minn kulħadd x'ħin issir laqgħa t'urġenza jinżamm il-ħin stipulat fil-liġi li tista' ssir mill-5.30pm. Huwa nfurmah li diġa kienet tħarket darb'oħra fuq talba tiegħu iżda kien hemm oġġezzjoni għal bdil tal-ħin, u saret fis-6.00pm. Din il-laqgħa kienet avżata aktar minn 70 siegħa qabel.

7.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-28 ta' Mejju saret il-votazzjoni għad-dħul tad-divorzju ġewwa s-Sala tal-Komunita.

7.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar ftehim mal-korporazzjoni tas-sevizzi tal-ilma biex fejn sar ix-xogħol tad-drenaġġ fi Triq l-Isptar San Giljan, isir il-wiċċ kollu tat-triq bit-tarmak, minflok it-tiswija biss tat-trinka.

7.18 Ġie iffirmat il-kuntratt mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mal-Ministeru għal Għawdex għat-twettiq taż-żewġ proġetti mil-iskema eko-Għawdex.

Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt